MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 803/2006

**Avukat Luigi Sansone bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Guccio Gucci s.p.a.***

***Versus***

**Avukat Leslie Cuschieri u P.L. Liliana Buhagiar maħtura b'dikriet tas-17 ta' Jannar 2007 bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil *China Electro s.a.r.l.***

Din hija kawża dwar *trademarks*.
Ir-rikors igħid illi s-soċjetà attriċi hija magħrufa madwar id-dinja, u wkoll f'Malta, għal ċinturini u hija sidt diversi *trademarks* in konnessjoni man-negozju tagħha. Fost dawn hija irreġistrat f'Malta it-*trademark* bin-numru 34922 *Gucci*. Barra minn hekk, hija għandha irreġistrati wkoll bħala *trademark* komunitarju numru 000121988 il-markju *Gucci* (kelma) b'seħħ mill-1 ta' April 1996, u bħala *trademark* komunitarju numru 004107546 il-markju *Gucci* (tikketta) b'seħħ mit-3 ta' Novembru 2004, dwar prodotti fil-kategorija li fiha jaqgħu ċinturini.

Is-soċjetà attriċi hija "detentriċi ta' dritt" għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Industrijali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414], u tgawdi mill-ħarsien mogħti taħt l-artt. 2(1)(*a*)(i), 4 u 8(1) ta' dik il-liġi.

Ftit qabel ma nfetħet il-kawża il-Kontrollur tad-Dwana kien żamm il-*container* CLHU 2316330 li kien fih ċinturini li kellhom fuqhom il-kelma *Gucci* u l-kelma *Guccl* miktubin b'mod prominenti; dawn iċ-ċinturini kienu waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana ta' Malta *in transitu* sabiex eventwalment jigħataw lis-soċjetà konvenuta, u *prima facie* dehru ċar lill-istess kontrollur illi kienu jiksru dritt ta' proprjetà industrijali. L-attriċi kienet mgħarrfa b'dan fit-2 ta' Awissu 2006 u, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana illi ċ-ċinturini – li, skond ma għarrafha l-kontrollur, huma sebat elef u mitejn b'kollox – huma tassew falzifikati, bi ksur tad-drittijiet tagħha ta' proprjetà industrijali. Il-kontrollur imbagħad ta lill-attriċi żmien sad-29 ta' Awissu 2006 sabiex turih illi fetħet kawża kontra s-soċjetà konvenuta għal deċiżjoni sostantiva dwar il-meriti tal-każ[1].

L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi ċ-ċinturini li għandhom fuqhom il-kelma *Gucci* u l-kelma *Guccl* miktubin b'mod prominenti, li bħalissa huma f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana, jiksru d-drittijiet ta' l-attriċi dwar proprjetà intellettwali;
2. tordna lil-Kontrollur tad-Dwana jiddisponi minn dawk il-ħwejjeġ b'mod li ma jagħmlux ħsara lin-negozju ta' l-attriċi, jew inkella jeqridhom bla kumpens lill-konvenuta u bi flusha;
3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jieħu, kull miżura li twassal biex iċċaħħad lill-konvenuta milli tieħu benefiċċji ekonomiċi minn dawn il-ħwejjeġ; u
4. tordna illi l-konvenuta tbati l-ispejjeż kollha tal-miżuri li jiġu ordnati skond it-tieni u t-tielet talbiet, fosthom l-ispejjeż tat-trasport u tal-qerda.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ.

---

[1] Il-kawża fil-fatt infetħet fit-28 ta' Awissu 2006.

Waqt is-smigħ tal-kawża l-qorti rat ix-xiehda mressqa mis-soċjetà attriċi, fosthom ritratti ta' kampjuni taċ-ċinturini li dwarhom saret il-kawża, u setgħet tara illi tassew illi l-marki murija fuqhom jixbhu lil dawk reġistrati bħala *trademarks* ta' l-attriċi b'mod illi jistgħu faċilment joħolqu konfużjoni.

Skond l-art. 10(2)(*b*) ta' l-Att dwar it-*Trademarks* [Kap. 416], ikun hemm kontravvenzjoni ta' *trademark* reġistrata ukoll meta "is-sinjal ikun simili għat-*trademark* u jintuża għar-rigward ta' oġġetti jew servizzi identiċi ma', jew simili għal dawk li dwarhom it-*trademark* tkun reġistrata.

Għal dawn ir-raġunijiet, billi x-xiehda turi tassew illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt tas-soċjetà attriċi fi *trademarks* reġistrati, it-talbiet ta' l-attriċi għandhom jintlaqgħu. Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi:

1. tgħid illi ċ-ċinturini miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana jiksru d-drittijiet ta' proprjetà industrijali li għandha l-attriċi fit-*trademarks* reġistrati f'isimha;
2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jeqred dawn iċ-ċinturini fi żmien xahar millum, u fil-preżenza ta' rappreżentant tas-soċjetà attriċi; u

tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha, kemm dawk ġudizzjarji u kemm dawk biex inżammu u biex jinqerdu ċ-ċinturini.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------